Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2024/xxxx(INI)

24.10.2024

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-Fond Soċjali Ewropew Plus wara l-2027
(2024/xxxx(INI))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Marit Maij

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 10

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM 12

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-Fond Soċjali Ewropew Plus wara l-2027

(2024/xxxx(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 46(d), 149, 153(2)(a), 164, 175 u 349 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+)[1],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Marzu 2024 dwar id-9 Rapport ta' Koeżjoni (COM(2024)0149),

– wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklamat u ffirmat mill-Kunsill, il-Parlament u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Marzu 2021 bit-titolu "Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali" (COM(2021)0102) u l-miri ewlenin tagħha għall-2030 proposti dwar l-impjiegi, it-taħriġ u t-tnaqqis tal-faqar,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' La Hulpe dwar il-futur tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ffirmata mill-Parlament, il-Kummissjoni, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kunsill fis-16 ta' April 2024,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' April 2021 dwar il-Garanzija Ewropea għat-Tfal[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Novembru 2023 bit-titolu "It-tfal jiġu l-ewwel - insaħħu l-Garanzija għat-Tfal, sentejn wara l-adozzjoni tagħha"[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2020 dwar il-Garanzija għaż-Żgħażagħ[4],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2022 bit-titolu "Lejn azzjoni Ewropea komuni dwar il-kura",[5]

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità wara l-2020[6],

---

[1] ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1057/oj?locale=mt.
[2] ĠU C 506, 15.12.2021, p. 94.
[3] ĠU C, C/2024/4212, 24.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/4212/oj?locale=mt.
[4] ĠU C 395, 29.9.2021, p. 101.
[5] ĠU C 47, 7.2.2023, p. 30.
[6] ĠU C 362, 8.9.2021, p. 8.

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta’ Diċembru 2022 bit-titolu “Lejn drittijiet ugwali għall-persuni b’diżabilità”[7],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta’ Novembru 2020 dwar l-indirizzar tar-rati ta’ persuni mingħajr dar fl-Unjoni Ewropea[8],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta’ Jannar 2021 dwar l-aċċess għal akkomodazzjoni diċenti u affordabbli għal kulħadd[9].

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta’ Novembru 2023 dwar il-ħolqien tal-impjiegi – it-tranżizzjoni ġusta u l-investimenti b’impatt[10],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta’ Jannar 2021 dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri[11],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A10-0000/2024),

A. billi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) jappoġġja, jikkomplementa u jżid il-valur tal-politiki tal-Istati Membri sabiex jiġu żgurati opportunitajiet indaqs, aċċess ugwali għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u ta’ kwalità għolja, protezzjoni soċjali u inklużjoni;

B. billi l-FSE+ huwa l-uniku fond tal-UE li jiffoka primarjament fuq il-politiki soċjali, u għalhekk huwa uniku fih innifsu u effettiv ħafna sabiex tinkiseb l-inklużjoni soċjali, flimkien mal-politika ta’ koeżjoni;

C. billi gruppi vulnerabbli differenti għandhom ħtiġijiet differenti, bħan-nisa fil-faqar, il-migranti tax-xogħol, it-tfal, il-persuni b’diżabbiltà u l-anzjani; billi t-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika hija meħtieġa ħafna iżda ġġib magħha wkoll sfidi għan-nies u l-ħaddiema kollha, u billi biex tirnexxi f’dan l-isforz, l-UE jeħtiġilha tiżgura tranżizzjoni ġusta li ma tinsiex il-ħaddiema u l-persuni vulnerabbli;

D. billi d-disponibbiltà u l-affordabbiltà ta’ akkomodazzjoni deċenti qed jonqsu minħabba l-liberalizzazzjoni żejda tas-suq; billi l-UE se jkollha l-ewwel Kummissarju tagħha li jindirizza l-kriżijiet tal-akkomodazzjoni, u l-ewwel pjan Ewropew għal akkomodazzjoni affordabbli, mistenni fl-2025;

E. billi l-Garanzija Ewropea għat-Tfal għandha l-għan li tipprevjeni u tiġġieled l-esklużjoni soċjali tat-tfal billi tiggarantixxi aċċess effettiv u mingħajr ħlas għal edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal ta’ kwalità għolja, edukazzjoni u kura tas-saħħa, u

[7] ĠU C 177, 17.5.2023, p. 13.
[8] ĠU C 425, 20.10.2021, p. 2.
[9] ĠU C 456, 10.11.2021, p. 145.
[10] ĠU C, C/2024/4224, 24.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/4224/oj?locale=mt.
[11] ĠU C 456, 10.11.2021, p. 208.

aċċess effettiv għal nutrizzjoni tajba għas-saħħa u akkomodazzjoni adegwata;

Prinċipji tal-FSE+ wara l-2027

1. Jinsisti li l-FSE+ irid ikompli jkun l-istrument ewlieni u primarju li jappoġġja lill-Istati Membri, lin-nies u lir-reġjuni fit-tisħiħ tad-dimensjoni soċjali tal-Unjoni;

2. Jinsisti li l-objettivi tal-FSE+ għandhom ikunu li jinkisbu livelli għolja ta' impjieg b'pagi adegwati, kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, ambjenti tax-xogħol tajbin għas-saħħa u kopertura tas-sigurtà soċjali, sabiex tiġi żviluppata forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati, kompetittiva u reżiljenti, lesta għat-tranżizzjoni doppja u d-dinja tax-xogħol futura, u biex ikun hemm protezzjonijiet soċjali ġusti u soċjetajiet inklużivi u koeżivi, bl-għan li jinqered il-faqar u jitwettqu l-prinċipji u l-miri ewlenin stabbiliti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;

3. Jappella għal FSE+ b'saħħtu, rinfurzat u awtonomu b'żieda sinifikanti fl-appoġġ pubbliku għall-istrumenti eżistenti mmirati biex jipprovdu għall-ifqar fis-soċjetajiet tagħna; jinsisti, għalhekk, fuq l-irduppjar tal-finanzjament għall-FSE+ wara l-2027;

4. Jesprimi tħassib serju dwar tentattivi biex l-FSE+ eżistenti jinqasam jew jiġi amalgamat ma' fondi oħra, peress li dan joħloq riskji serji għall-implimentazzjoni tal-objettivi tiegħu u dawk tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-pjan ta' azzjoni tiegħu, u għall-ilħuq tal-miri ewlenin tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; iwissi li l-unifikazzjoni jew is-simplifikazzjoni tal-fondi jistgħu ma jtejbux l-effettività tagħhom;

5. Jemmen li governanza differenti tal-FSE+ twassal għat-telf tal-prijorità mogħtija lill-aspetti soċjali, inklużi l-proġetti tal-impjiegi u tal-inklużjoni soċjali, u lill-finanzjament li ma jilħaqx il-livelli lokali u lil dawk l-aktar fil-bżonn, filwaqt li żżid ir-riskju ta' riallokazzjoni tal-fondi għal skopijiet oħra;

6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw il-parteċipazzjoni tas-sħab soċjali, tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tar-rappreżentanti tal-gruppi fil-mira fl-istadji kollha tat-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-FSE+, jallokaw finanzjament adegwat għal dan l-għan u jipprevjenu l-esklużjoni ta' atturi iżgħar;

7. Jinnota li l-programm attwali tal-FSE+ ġie adottat qabel l-emerġenza ta' kriżijiet li kkawżaw inflazzjoni għolja u żieda fl-għoli tal-ħajja, u għalhekk jeħtieġ investiment pubbliku u soċjali ogħla peress li l-FSE+ eżistenti ma jistax jissodisfa l-ħtiġijiet attwali; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li jiġi garantit baġit komprensiv, stabbli u fuq skala kbira bbażat fuq il-ħtiġijiet u d-drittijiet għall-FSE+ fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss;

8. Jissottolinja li l-FSE+ wara l-2027 għandu jinvesti fl-indirizzar tal-isfidi soċjali persistenti u jibqa' qrib l-objettivi ġenerali u speċifiċi stabbiliti fl-FSE+ attwali; jenfasizza l-importanza tal-prinċipji tal-fond ta' ġestjoni kondiviża, objettivi ċari u konċentrazzjonijiet tematiċi, u li l-maġġoranza tal-fond għandha, kemm jista' jkun, tintuża minn dawk li għandhom bżonnu;

9. Jisħaq li l-FSE+ ma għandux jintuża biex jirrispondi għal emerġenzi jew kriżijiet;

jinsisti li l-FSE+ għandu jiġi ssupplimentat minn faċilità ta' salvataġġ soċjali li kapaċi tirreaġixxi għal emerġenzi soċjali u sitwazzjonijiet ta' kriżi; jistieden lill-Kummissjoni tibni fuq is-suċċess tal-istrument temporanju tal-UE mniedi fl-2020, bit-titolu "Appoġġ biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE)", fil-ġlieda kontra l-qgħad temporanju, u tressaq skema ta' riassigurazzjoni tal-qgħad tal-UE mingħajr aktar dewmien;

Objettivi, prijoritajiet u baġit

10. Jissottolinja li l-prinċipji orizzontali, bħall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, u l-libertà ta' moviment, għandhom ikunu integrali għall-FSE+; jisħaq fuq l-importanza ta' approċċ intersezzjonali matul l-iżvilupp u l-implimentazzjoni kollha tal-fond;

11. Jinsisti li l-FSE+ għandu jkollu fil-mira l-aktar nies żvantaġġati fis-soċjetajiet tagħna, irrispettivament mis-sess, il-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali, l-età, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-oriġini razzjali jew etnika tagħhom, b'mod partikolari komunitajiet marġinalizzati bħall-persuni Rom, persuni b'diżabbiltà jew mard kroniku, persuni mingħajr dar, tfal u persuni anzjani. jissottolinja li l-FSE+ irid ikun inklużiv, b'attenzjoni speċjali mogħtija lit-tipi kollha ta' familji, inklużi familji b'ġenitur wieħed, familji b'aktar minn żewġ ġenituri u familji qawsalla;

12. Jistieden lill-Kummissjoni, fid-dawl tal-isfidi attwali, tinkludi fl-objettivi speċifiċi tal-FSE+ il-promozzjoni tat-tranżizzjoni ġusta, l-integrazzjoni soċjoekonomika tal-migranti, inklużi l-migranti tax-xogħol, l-inklużjoni soċjali tan-nisa li huma vittmi tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-integrazzjoni tal-persuni akbar fl-età;

13. Jisħaq li l-ilħuq tal-miri tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali dwar il-faqar isir diffiċli, sakemm ma jkunx hemm appoġġ speċifiku biex tittaffa l-pressjoni fuq is-sistemi ta' protezzjoni soċjali u jittaffa l-impatt soċjali tal-kriżijiet; jinsisti li jiġi ddedikat appoġġ biex jiġu żgurati kundizzjonijiet tal-għajxien deċenti għal kulħadd, b'aċċess għal servizzi essenzjali ta' kwalità għolja; jappella li l-istrateġija tal-UE kontra l-faqar, deskritta fil-linji gwida politiċi tal-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen għall-mandat 2024-2029, tiġi implimentata permezz tal-FSE+, bl-użu ta' miri vinkolanti għat-tnaqqis tal-faqar, l-indiċi nazzjonali tal-pagi li jiggarantixxu l-għajxien u l-baġits ta' referenza bħala parametri referenzjarji, u filwaqt li jiġi applikat approċċ multidimensjonali;

14. Jisħaq li l-indirizzar tal-faqar fost it-tfal jeħtieġ miżuri komprensivi, integrati u ffinanzjati b'mod xieraq, flimkien mal-implimentazzjoni tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal fil-livell nazzjonali, u jinsisti li dan jikkostitwixxi pilastru ċentrali tal-istrateġija tal-UE kontra l-faqar; itenni t-talbiet preċedenti tiegħu biex il-FSE+ wara l-2027 jinkludi baġit iddedikat ta' mill-anqas EUR 20 biljun għall-Garanzija Ewropea għat-Tfal; jinsisti li l-Istati Membri kollha għandhom jallokaw mill-anqas 5 % tar-riżorsi tal-FSE+ tagħhom lill-Garanzija Ewropea għat-Tfal u mill-anqas 10 % għal dawk l-Istati Membri b'porzjon ogħla ta' tfal f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali;

15. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni żżid l-allokazzjoni għall-inklużjoni soċjali lil hinn mill-25 % attwali u l-allokazzjoni għall-għajnuna alimentari u l-assistenza materjali bażika għall-persuni l-aktar fil-bżonn għal 5 %, b'rispons għaż-żieda fl-ispejjeż tal-għajxien u tal-

ikel;

16. Jikkondividi l-ambizzjoni li tingħata prijorità lill-indirizzar tal-kriżijiet tal-akkomodazzjoni, u jinsisti li l-FSE+ wara l-2027 għandu jtejjeb l-aċċess f'waqtu u ugwali għal servizzi affordabbli, deċenti, sostenibbli u ta' kwalità għolja li jippromwovu l-aċċess għall-akkomodazzjoni; jemmen li l-Istati Membri kollha jeħtiġilhom jinvestu mill-anqas 5 % tar-riżorsi tal-FSE+ tagħhom biex jindirizzaw il-problema ta' persuni mingħajr dar;

17. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat finanzjament suffiċjenti tal-FSE+ wara l-2027 għal edukazzjoni ta' kwalità għolja u pubblika għal kulħadd, l-iżvilupp tal-ħiliet, it-titjib tal-ħiliet, it-taħriġ mill-ġdid u t-tagħlim tul il-ħajja, u għall-indirizzar tan-nuqqas ta' ħiliet, filwaqt li jiġi żgurat li l-individwi jkunu jistgħu jinnavigaw b'suċċess it-tranżizzjonijiet tas-suq tax-xogħol;

18. Jappella li jissaħħu l-isforzi biex tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ b'allokazzjoni akbar għall-Istati Membri kollha li jiddedikaw mill-anqas 15 % tar-riżorsi tagħhom tal-FSE+; itenni, f'dan il-kuntest, it-talba tiegħu lill-Istati Membri biex jipprojbixxu traineeships mhux imħallsa;

19. Jissottolinja l-importanza tal-FSE+ li jiffoka fuq gruppi differenti bi ħtiġijiet differenti; jisħaq, għalhekk, fuq l-importanza li jiġi allokat appoġġ għal proġetti rigward il-pożizzjoni soċjoekonomika tal-migranti, inklużi l-migranti tax-xogħol, l-inklużjoni soċjali tal-persuni b'diżabbiltà, it-tixjiħ demografiku fis-soċjetà, in-nisa u t-tfal, u l-unitajiet domestiċi mmexxija min-nisa; jinsisti li l-FSE+ wara l-2027 jinkorpora aspetti oħra tal-inklużjoni soċjali, bħall-akkomodazzjoni, is-saħħa u ċ-ċirkostanzi tal-familja u l-appoġġ tal-kura bbażata fil-komunità;

20. Jisħaq li l-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali tal-FSE+ tipprovdi appoġġ rigward is-sitwazzjoni prekarja tal-ħaddiema mobbli u tiżgura finanzjament għal konsulenza relatata mat-trade unions; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw finanzjament permanenti għas-servizzi ta' konsulenza tat-trade unions nazzjonali u tranżnazzjonali għal ħaddiema bħal dawn;

21. Jappella li l-FSE+ jagħti spinta lill-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropea għall-kura billi jinvesti f'edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal ta' kwalità permezz ta' sistemi ta' kura bbażati fil-komunità u ċċentrati fuq il-persuna, ta' kwalità għolja, affordabbli u aċċessibbli;

22. Jisħaq li l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u r-riformi meħtieġa għall-konformità mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fis-Semestru Ewropew jiddependu wkoll fuq l-appoġġ qawwi tal-FSE+ għal ċerti miżuri ta' politika, speċjalment dawk relatati mat-tisħiħ tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali, filwaqt li tiġi żgurata edukazzjoni pubblika inklużiva u ta' kwalità għolja, jitnaqqas il-faqar fost it-tfal u tinqered il-problema ta' persuni mingħajr dar;

23. Jistieden lill-Kummissjoni talloka riżorsi finanzjarji konsistenti għall-bini tal-kapaċità, bl-għan li tagħti s-setgħa lis-sħab soċjali biex ikollhom rwol rilevanti fl-oqsma tal-kompetenza tagħhom, li ssaħħaħ il-kapaċità tagħhom li jinvolvu ruħhom fi djalogu soċjali kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali u li ssaħħaħ l-azzjonijiet tas-

sħab soċjali, u tinkludi assistenza teknika għal dawn it-tliet skopijiet, b'perċentwal minimu adegwat ta' obbligu ta' investiment mill-Istati Membri; jinsisti wkoll li għandu jiġi ggarantit li s-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jkollhom aċċess għall-finanzjament għall-objettivi tal-politika soċjali fl-Istati Membri kollha fuq bażi ugwali;

24. Jissottolinja li huwa mill-aktar importanti li l-intrapriżi soċjali żgħar u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jkollhom aċċess għall-aspetti kollha tal-FSE+; jappella għal żieda fir-rata ta' kofinanzjament ta' mill-anqas 90 % għal miżuri li jolqtu l-persuni l-aktar fil-bżonn implimentati mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u mill-anqas 70 % għal dawk implimentati mill-intrapriżi soċjali;

Funzjonament tal-fond

25. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet u l-organizzazzjonijiet reġjonali u lokali jkollhom vuċi fil-proġetti ffinanzjati mill-baġits nazzjonali;

26. Jinsisti li r-regoli li jirregolaw l-użu tal-FSE+ iridu jiżguraw u jsaħħu l-konformità mal-istat tad-dritt, l-*acquis* tal-UE, l-ogħla standards soċjali tal-UE, id-drittijiet soċjali u l-prinċipji demokratiċi, u jkunu allinjati mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, mal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli tan-NU u mad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u tal-ħaddiema;

27. Jappella għal kundizzjonalitajiet soċjali b'saħħithom u aktar effettivi fir-regoli dwar l-akkwist pubbliku u l-konċessjonijiet, b'sanzjonijiet effettivi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni toħloq bażi tad-data komprensiva, li tissupplimenta d-data tal-Eurostat, biex tippermetti monitoraġġ f'waqtu u affidabbli tal-iżviluppi fl-impjiegi, il-kundizzjonijiet tal-għajxien u r-relazzjonijiet industrijali;

28. Jappella li jitnaqqas il-piż amministrattiv, b'mod partikolari billi jiġu ssimplifikati l-proċessi ta' applikazzjoni għall-aċċess għall-fondi u l-proċeduri ta' rapportar għall-organizzazzjonijiet, b'mod partikolari għal dawk ta' daqs iżgħar; iwissi li s-simplifikazzjoni ma tridx tikkomprommetti l-prinċipji fundamentali tal-ġestjoni kondiviża, it-trasparenza u r-responsabbiltà, filwaqt li tiżgura l-amministrazzjoni xierqa tal-fondi pubbliċi;

29. Iwissi li mhux in-nies kollha huma mħejjija għad-diġitalizzazzjoni, u li ċerti gruppi ta' persuni, speċjalment dawk l-aktar vulnerabbli, jistgħu jitilfu l-opportunitajiet ta' finanzjament bħala riżultat;

30. Iqis li jeħtieġ li jkun hemm aktar ħidma biex l-organizzazzjonijiet u n-nies ikunu jafu dwar l-opportunitajiet kollha li l-FSE+ jista' joffri; jinsisti li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jqajmu kuxjenza dwar l-opportunitajiet ippreżentati mill-FSE+, u jinfurmaw u jagħtu pariri lill-organizzazzjonijiet dwarhom;

°

° °

31. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u

lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

Wara deċennji ta' suċċess fl-użu u l-kontinwazzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) ġie stabbilit l-aħħar għall-perjodu 2021-2027. Il-FSE+ għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-aġenda soċjali tal-Unjoni Ewropea u huwa l-istrument ewlieni biex jitwettqu l-prinċipji kif stabbiliti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali billi jappoġġja lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jinvestu fin-nies permezz ta' miżuri li jappoġġjaw livelli għolja ta' impjieg, protezzjoni soċjali ġusta u forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati u reżiljenti li tkun lesta għad-dinja tax-xogħol futura. Dan wera li huwa effettiv u miljuni ta' nies ibbenefikaw mill-possibbiltajiet tal-FSE+. 6,8 miljun persuna sabu impjieg, 14,2-il miljun persuna bbenefikaw minn assistenza alimentari, 10,3 miljun persuna kisbu kwalifika u 3 miljun parteċipant segwew kors edukattiv jew taħriġ bil-kontribuzzjonijiet tal-fond tal-FSE+.

Il-programm attwali se jintemm fl-2027, li jfisser li hemm bżonn naħsbu dwar il-futur tal-fond. L-għan ta' dan ir-rapport tar-Rapporteur huwa li jintbagħat messaġġ ċar u qawwi lill-Kummissjoni Ewropea dwar kif għandu jissawwar il-Fond Soċjali Ewropew Plus futur.

Jidher ċar li, speċjalment bil-kriżijiet attwali fid-dinja, se jkun diffiċli li jitwettqu l-miri ewlenin stabbiliti mill-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, jiġifieri li sal-2030 mill-anqas 78 % tal-popolazzjoni bejn l-20 u l-64 sena jkunu f'impjieg, mill-anqas 60 % tal-adulti kollha jkunu qed jipparteċipaw f'taħriġ kull sena u l-għadd ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali jitnaqqas b'mill-anqas 15-il miljun, inklużi mill-anqas 5 miljun tifel u tifla. Fl-2023, kważi 100 miljun persuna fl-UE kienu fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, li huwa aktar minn 20 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni Ewropea. It-tfal u l-persuni b'livell baxx ta' edukazzjoni huma saħansitra aktar probabbli li jkunu fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali. Aktar minn 45 % taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jgħixu fl-UE u 28 % taċ-ċittadini tal-UE li jgħixu f'pajjiż ieħor tal-UE jinsabu fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali u madwar 10 % tal-persuni li għandhom xogħol jgħixu fil-faqar. Iż-żieda fil-prezzijiet u l-għoli tal-ħajja huma suġġett ewlieni ta' tħassib għaċ-ċittadini Ewropej. Il-FSE+ wara l-2027 għandu jitfassal filwaqt li titqies din ir-realtà inkwetanti.

F'dan il-kuntest, ir-rapport jissottolinja li huwa ta' importanza kbira li l-FSE+ ikompli jkun jista' jkollu fil-mira u jilħaq lill-persuni u l-gruppi li l-aktar għandhom bżonn il-fond, bħall-persuni li jgħixu fil-faqar, l-anzjani, il-migranti, in-nisa, it-tfal, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni fil-bżonn ta' tranżizzjoni ġusta. Flimkien mas-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-fond għandu jkun adattat għall-ħtiġijiet ta' dawn in-nies billi jinvesti fid-dimensjoni soċjali tal-Unjoni Ewropea. Il-fond għandu jkun aċċessibbli, inklużiv u jkollu approċċ intersezzjonali. Huwa importanti li l-FSE+ ikun hemm għal kull tip ta' organizzazzjoni u intrapriża soċjali, fl-Istati Membri kollha u fir-reġjuni kollha. Il-prinċipju tas-sħubija għandu jiġi rispettat u msaħħaħ. Biex jinkiseb dan kollu, ir-rapport jappella li l-baġit tal-FSE+ jiġi rduppjat.

Barra minn hekk, ir-rapport jistabbilixxi l-objettivi ewlenin, il-prinċipji, il-funzjonament u d-distribuzzjoni tal-fond, bħat-talba ripetuta biex jiġi ddedikat baġit għall-Garanzija għat-Tfal.

Il-FSE+ huwa uniku fix-xenarju tal-fondi Ewropej, minħabba li għandu fil-mira

speċifikament il-politiki u l-inizjattivi soċjali. Għalhekk nappellaw b'mod urġenti lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-FSE+ ikompli jiffunzjona bħala fond proprju u ma jinqasamx jew ma jiġix amalgamat ma' fondi oħra. Amalgamazzjoni jew qasma jikkumplikaw il-prijoritizzazzjoni fl-oqsma tal-investiment soċjali, tal-proġetti ta' impjiegi u tal-inklużjoni soċjali, u l-ilħuq ta' dawk li l-aktar għandhom bżonnu, u bl-isfidi kollha li għandna quddiemna ma għandniex inħallu dan iseħħ.

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur tiddikjara li rċieviet kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-abbozz ta' rapport:

Entità u/jew persuna
European Trade Union Confederation
FNV Nederland
Deutscher Gewerkschaftsbund
European Disability Forum
PICUM
Save the Children
COFACE Families Europe
Red Cross
European Anti-Poverty Network
Caritas
Eurodiaconia
European Association for the Education of Adults

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn, ir-rapporteur tiddikjara li ppreżenta lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.